



Protezzjoni tad-Data – Stqarrija ta' Privatezza

Talba għal informazzjoni dwar l-użu tal-fondi ta' koeżjoni disponibbli u r-Regolamenti CARE – l-għodda EUSurvey

Din l-istqarrija ta' privatezza tikkonċerna l-ipproċessar, min-naħa tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA), ta' *data* personali fil-kuntest tal-awditu dwar CARE 23CH2003.

Il-mod li bih il-QEA tipproċessa u tiproteġi d-*data* personali tiegħek huwa deskritt hawn taħt.

Id-dettalji ta' kuntatt tiegħek (l-isem u l-indirizz elettroniku) inkisbu mill-Kummissjoni sabiex nistednuk twieġeb għal din it-talba għal informazzjoni u nibagħtulek kwalunkwe tfakkira.

Il-parteċipazzjoni u t-tweġibiet għat-talba għal informazzjoni huma **obbligatorji (l-Artikolu 287 tat-TFUE)**.

Billi twieġeb għal din it-talba għal informazzjoni, inti tkun qed tagħti l-kunsens tiegħek biex id-*data* personali tiegħek tiġi pproċessata mill-QEA kif deskritt f'din l-istqarrija ta' privatezza.

Min huwa responsabbli għat-trattament tad-*data* tiegħek?

L-attivitajiet tal-ipproċessar tad-*data* jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Membru Relatur tal-QEA inkarigat mill-awditu.

Għalfejn nipproċessaw id-*data* tiegħek?

It-Tim tal-awditjar se juża d-*data* personali tiegħek għall-finijiet tal-awditu.

Id-*data* personali tiegħek mhijiex se tiġi pproċessata ħlief għall-finijiet li għalihom tkun inġabret.

Liema huma r-regoli li jirregolaw l-użu tad-*data* tiegħek?

Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data* (l-“**EUDPR**”) huwa l-qafas legali għall-ipproċessar tad-*data* personali fi ħdan il-Qorti.

Il-bażi ġuridika għall-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek hija l-Artikolu 287 tat-TFUE.

Il-kategoriji ta' *data* li se jintużaw huma dawn li ġejjin:

- Ir-risposti tiegħek għall-mistoqsijiet tat-talba għal informazzjoni.

Għal kemm żmien inżommu d-data tiegħek?

Id-*data* personali tiegħek tinżamm għal seba' snin kif iddefinit fir-Regolament Finanzjarju u, fi kwalunkwe każ mhux għal aktar żmien milli huwa meħtieġ għall-finijiet li għalihom id-*data* personali hija pproċessata, u wara dan iż-żmien titfassar.

Id-*data* personali tiegħek se tittella' fl-għodda tal-istħarriġ biex inkunu nistgħu nistednuk tipparteċipa u tipprovdi l-input tiegħek. B'kont meħud tal-fatt li nkunu neħtieġu nikkuntattjawk wara li ssir it-talba għal informazzjoni biex niddiskutu r-risposti tiegħek, aħna jeħtiġilna nżommu d-*data* personali tiegħek għal seba' snin kif iddefinit fl-ewwel paragrafu f'din it-taqsim.

Min ikollu aċċess għad-*data* tiegħek u lil min se tiġi kkomunikata?

It-Tim tal-awditjar għandu aċċess għad-*data* tiegħek skont il-prinċipju ta' "ħtieġa ta' tagħrif".

Jekk tressaq ilment, id-*data* personali tiegħek tista' tiġi ttrasferita lill-Ombudsman Ewropew, u/jew lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* u/jew lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* tal-QEA.

Id-direttorat tal-awditjar u t-tim tal-awditjar għandhom aċċess għad-*data* tiegħek skont il-prinċipju ta' "ħtieġa ta' tagħrif". Il-persunal mid-Direttorat għall-Kontroll tal-Kwalità tal-Awditjar tal-QEA jista' jaċċessa wkoll id-*data* tiegħek fl-eżerċizzju tax-xogħol tiegħu ta' kontroll tal-kwalità tal-awditjar.

Id-*data* personali tiegħek tista' tiġi ttrasferita lis-Servizz Legali tal-QEA jekk ikun meħtieġ parir legali, jew lid-direttorat tat-traduzzjoni tal-QEA jekk tkun meħtieġa traduzzjoni.

Jekk l-attività ta' pproċessar tiġi, fi stadju aktar tard, awditjata mis-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS) tal-QEA, jekk jogħġbok innota li d-*data* personali tiegħek tiġi pproċessata biss jekk ikun meħtieġ sabiex jiġu ssodisfati l-obbligi tal-IAS u f'konformità ma' din l-[istqarrija ta' privatezza](#) (għall-kompiti rikorrenti kollha tal-IAS) jew stqarrija ta' privatezza speċifika li inti tingħata għal kompiti speċjali/mhux rikorrenti. L-aċċess għad-*data* personali, min-naħa tal-IAS, se jkun ristrett għal dak li huwa assolutament neċessarju u legalment awtorizzat.

Aħna kif nissalvagwardjaw id-*data* tiegħek kontra l-possibbiltà ta' użu ħażin jew kontra l-aċċess mhux awtorizzat?

Is-settijiet tad-*data* jinżammu b'mod sikur fiċ-ċentru tad-*data* tal-Kummissjoni fl-UE, u b'hekk huma koperti mill-għadd kbir ta' miżuri meħuda biex jiġu protetti d-disponibbiltà, l-integrità u l-kunfidenzjalità tar-riżorsi elettroniċi tal-istituzzjoni.

L-aċċess għad-*data* personali huwa limitat għal grupp speċifiku ta' utenti. Id-drittijiet ta' aċċess jingħataw fuq bażi ta' bżonn (skont il-prinċipju ta' "ħtieġa ta' tagħrif"), filwaqt li jittieħed kont tar-rwol, il-kariga u r-responsabbiltajiet tal-utent ikkonċernat. Dawn id-drittijiet jiġu aġġornati kontinwament hekk kif l-inkarigi tal-persunal jinbidlu.

Is-Segretarju Ġenerali tal-QEA għandu responsabbiltà kumplessiva għall-implimentazzjoni tar-regoli dwar id-drittijiet ta' aċċess u għall-konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data*, iżda huwa ddelega r-responsabbiltà f'dawn l-oqsma lil entitajiet differenti. Il-Qorti għandha politika dwar is-sigurtà tal-informazzjoni, kif ukoll Uffiċjal tas-Sigurtà tal-Informazzjoni li jiżgura li l-politika tiġi implimentata b'mod korrett u li l-kontrolli relatati jiġu ttestjati għall-effiċjenza.

Biex twettaq din it-talba għal informazzjoni, il-QEA tuża l-EUSurvey, li hija sistema multilingwi ta' mmaniġġjar tal-istħarriġ online li nbriet biex jinħolqu u jiġu ppubblikati stħarriġiet. L-EUSurvey hija għodda pprovdata lill-QEA, bħala kontrollur, mill-Kummissjoni Ewropea, bħala proċessur. Il-Kummissjoni tal-UE ma tużax sottoproċessuri, u d-*data* personali kollha tinħażen fuq is-servers taċ-Ċentru tad-*Data* tal-Kummissjoni Ewropea.

Il-Kummissjoni Ewropea implimentat miżuri ta' sigurtà biex tippoteġi l-hardware, is-software u n-network tas-servers minn manipulazzjonijiet aċċidentali jew malizzjużi u minn telf ta' *data*. Id-*data* kollha tiġi mmaniġġjata mid-DĠ DIGIT f'konformità mad-dispożizzjonijiet tekniċi ta' sigurtà stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2017/46 tal-10 ta' Jannar 2017 dwar is-sigurtà tas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni fil-Kummissjoni Ewropea, il-verżjonijiet sussegwenti tagħha, ir-regoli ta' implimentazzjoni tagħha (kif adattati minn żmien għal ieħor) u l-istandards u l-linji gwida korrispondenti dwar is-sigurtà, kif ukoll fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/443 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar is-sigurtà fil-Kummissjoni, ir-regoli ta' implimentazzjoni tagħha u l-avviżi ta' sigurtà korrispondenti. Dawn id-dokumenti (kif adattati minn żmien għal ieħor) jistgħu jiġu kkonsultati fl-indirizz li ġej: https://ec.europa.eu/info/publications/security-standards-applying-all-european-commission-information-systems_mt.

L-EUSurvey tuża s-servizz Europa Analytics għall-istatistika u l-analitika tat-traffiku. Għal aktar informazzjoni ara s-sit web [Europa Analytics](#). Europa Analytics huwa bbażat fuq il-pjattaforma analitika b'sors miftuħ "Matomo" (sors: [EUSurvey Record](#)).

Aħna se nevalwaw it-tweġibiet tiegħek u nużawhom għal skopijiet tal-awditjar u nżommuhom strettament kunfidenzjali, iżda biħsiebna nippublikaw ir-riżultati kumplessivi f'rapport speċjali. Jekk ir-rispons individwali tiegħek ikun ta' interess partikolari għalina jaf nikkuntattjawk direttament.

L-EUSurvey tippermetti lil min jagħmel it-talba għal informazzjoni ("Sid it-Talba għal Informazzjoni") jara liema persuni, li jkunu ġew mistiedna jieħdu sehem fit-talba għal informazzjoni, ikunu pparteċipaw jew le; b'hekk, ikunu jistgħu jintbagħtu tfakkiriet immirati.

X'inhuma d-drittijiet tiegħek?

Id-drittijiet tiegħek fir-rigward tad-*data* personali tiegħek huma stipulati fl-Artikoli 17 sa 24 tal-EUDPR. Inti għandek id-dritt li jkollok aċċess għad-*data* personali tiegħek u li titlob li din tiġi rrettifikata mingħajr dewmien żejjed jekk ma tkunx preċiża jew kompleta. Taħt ċerti kundizzjonijiet, inti għandek ukoll id-dritt li titlobna nħassru d-*data* personali tiegħek jew li nillimitaw l-użu tagħha. Fejn ikun applikabbli, inti għandek id-dritt li, fi kwalunkwe ħin, toġġezzjona għall-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek, għal raġunijiet relatati mas-sitwazzjoni partikolari tiegħek, u d-dritt għall-portabbiltà tad-*data*.

Inti tista' titlob li nikkomunikaw, sa fejn ikun possibbli, kull bidla fid-*data* personali tiegħek lil partijiet oħra li lilhom id-*data* tiegħek tkun ġiet ikkomunikata.

Aħna nqisu t-talba tiegħek, nieħdu deċiżjoni, u nikkomunikawhielek mingħajr dewmien mhux dovut u fi kwalunkwe każ fi żmien xahar minn meta nirċievu t-talba tiegħek. Dan il-perjodu jista' jiġi estiż b'xahrejn oħra, fejn ikun meħtieġ.

Kif speċifikat fid-Deċiżjoni tal-Qorti Nru 42-2021¹, id-drittijiet tiegħek jaf jiġu ristretti f'ċerti ċirkustanzi, (pereżempju meta jitwettqu awditi, isiru inkjesti amministrattivi, eċċ.).

Inti tista' teżerċita d-drittijiet tiegħek billi tikkuntattja lill-kontrollur tad-*data* permezz tal-informazzjoni ta' kuntatt li tingħata hawn taħt.

¹ Id-Deċiżjoni Nru 42-2021 tal-QEA tal-20 ta' Mejju 2021 li tadotta regoli interni dwar restrizzjonijiet ta' ċerti drittijiet tas-suġġetti tad-*data* fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali fil-qafas tal-attivitajiet imwettqa mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri ([link](#)).

Lil min għandek tikkuntattja f'każ ta' mistoqsija jew ilment?

L-ewwel punt ta' kuntatt huwa l-kontrollur tad-*data* fuq ECA-INFO@eca.europa.eu.

F'każ ta' tħassib jew ilmenti dwar l-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek, tista' tikkuntattja, fi kwalunkwe ħin, lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* tal-QEA (ECA-Data-Protection@eca.europa.eu):

Data Protection Officer
European Court of Auditors
12 Rue Alcide de Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Inti għandek id-dritt li, fi kwalunkwe ħin, tressaq ilment dwar l-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (edps@edps.europa.eu).